MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 310/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Joseph Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Joseph Xuereb (ID 105963M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fis-9 ta' Ottubru, 2005 bejn il-5.40 a.m. u is-6.15 a.m., fil-fond St. John, Triq San Vincenz, Hamrun, bil-Hsieb li jikkometti delitt ta' serq flimkien ma persuna ohra wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku

gie esegwit kien ikun ta serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;
2. volontarjament, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt lira maltin, imma iktar minn hamsin lira Maltin;
3. fl-1 ta' Ottubru, 2005, ghal habta tad-9.00 p.m. fil-fond numru 134, Triq Brighella, Santa Venera, bil-hsieb li jikkometti delitt ta' serq flimkien ma persuna ohra wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;
4. volontarjament, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin;
5. fis-27 ta' Awwissu, 2005, bejn is-6.45 p.m. u id-9.45 p.m., fil-fond numru 436, Joscarm, Triq il-Kanun, Santa Venera, ikkometta serq ta' flus u pappagall liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;
6. volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt lira Maltin izda aktar minn hamsin lira Maltin;
7. fid-9 ta' Ottubru, 2005 u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
8. talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b)(c) tal-Kodici Kriminali, ma sabitux hati tal-hames, tas-sitt, tas-seba’ w tat-tmien akkuza migjuba kontra tieghu u

ghalhekk illiberatu mill-istess akkuzi, sabitu hati tal-ewwel erba' akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija.
Wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ordnat li tali piena ma ssehhx hlief jekk l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sentejn.
Rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u ordnat lill-appellat li jhallas is-somma ta' €117 danni lil Edgardo Grech. Fic-cirkostanzi ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat gie lliberat mill-hames, is-sitt, is-seba' w it-tmien akkuzi migjuba kontrih kif ukoll tigi kkonfermata dik il-parti fejn l-istess akkuzat instab hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba kontrih, kif ukoll tikkonferma l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Joseph Xuereb u cioe' fejn wehel sentenza karcerarja ta' tmintax il-xahar habs sospiza ghal sentejn, kif ukoll il-hlas ta' danni favur Edgardo Grech, filwaqt li tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali taghna w tipprosegwi bis-sentenza ai termini tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi, u dan peress li naqset milli tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appell jittratta biss in-nuqqas ta' applikazzjoni da parti tal-Qorti tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali filwaqt li ghandhom jigu kkonfermati kemm il-

liberazzjoni fuq l-ahhar erba' akkuzi inkluz dik konfernanti r-recidiva u s-sejbien ta' htija fuq il-bqija.

Illi l-artikolu 533 jinqara kif gej :-

*Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, l-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed gahlih, ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

Illi primarjament jinghad illi dawn il-proceduri ttiehdu *ex officio* mill-Pulizija u n-natura tal-akkuzi wkoll tindika li m'hemmx bzonn tal-kwerela tal-parti offiza ai fini ta' tali proceduri hlief jekk nirrigwardaw serq ta' elettriku (b'certu eccezzjonijiet marbuta maghha) u meta r-reat isir minn axxendent fuq hwejjeg dixendent jew vice-versa. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-procedura kif mehuda ma kinitx tipprekludi l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Illi fit-tieni lok in vista tal-fatt li kien hemm inkjesta magisterjali fir-rigward tat-tentattiv tas-serq li sehh fir-residenza St. John, Triq San Vincenzo fil-Hamrun, liema process verbal gie ezebit bhala Dok 1470 a folio 193 tat-tieni volum ta' dan il-process mertu ta' dan l-appell u li in vista tal-istess jirrizulta ampjament li kien hemm esperti mahtura li espletaw l-inkarigu taghhom, in vista tad-dicitura tal-artikolu 533 li tinkludi wkoll l-ispejjez tal-esperti mahtura anki fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tinkludi li ma kienx hemm il-lok tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

Illi ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, jinghad ukoll li tali imposizzjoni huwa obbligu fuq il-Qrati taghna sakemm ma jkunx jirrigwarda kazijiet li ma gewx imexxija *ex officio.* Di piu din id-disposizzjoni lanqas ma tindika li t-talba ghall-applikazzjoni ghandha

ssir fi kwalunkwe mod mill-ufficjal prosekutur u kwindi l-fatt li din ma gietx mitluba fil-bidu tal-proceduri jew fl-akkuza kif ipprezentata w guramentata mill-ufficjal prosekutur m'ghandiex tostakola l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali taghna. In ogni caso, pero, l-applikazzjoni de quo giet mitluba permezz tar-rinviju a gudizzju maghmul mill-Avukat Generali u datat it-18 ta' Gunju, 2007.

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar 2011 fejn jidher li l-partijiet ittrattaw l-appell u li l-appellat ta l-kunsens tiegħu sabiex dak li hu dovut jitħallas minn dak li hu depożitat.

Illi jirriżulta li l-ispejjeż relattivi kienu ta' €436.76 (total ta' €337.76 (relazzjoni) tal-espert u €99.00 - (relazzjoni) tas-scene of the crime officers).

Illi għalhekk l-ammont dovut huwa ta' €436.76.

Għaldaqstant il-Qorti qed jilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2010 billi waqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat ġie liberat mill-ħames, mis-sitt, is-sebgħa u t-tmien akkużi kif miġjuba kontrih, tikkonferma wkoll il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat kontra Joseph Xuereb u cioe' fejn weħel sentenza karċerarja ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiża għal sentejn, tikkonferma wkoll il-kundanna għall-ħlas ta' danni favur Edgardo Grech, filwaqt li qed tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn intqal li fiċ-ċirkostanzi m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 u minflok, ai termini tal-istess artikolu 533 tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-appellat sabiex iħallas is-somma ta' €436.76 lir-Reġistratur fi żmien xahar mil-lum b'dan pero'

li r-Reġistratur jista' jiġbed it-tali somma mill-ammont depożitat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------